**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Kaz Nru. 152/06**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla)**

**Vs**

**Francis Frendo**
**George Debono**

**Illum 1 ta' Frar 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Francis Frendo**, bin Joseph u Louisa neè Wright, imwieled Stirling, l-Iskozja, fit-18 ta' Awwissu 1966, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 462282(M) u ta' **George Debono**, bin Francis u Josephine neè Mifsud, imwieled Pietà fl-10 ta' Mejju 1973 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 260273(M), flimkien:

A. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Frar 2006 u fil-granet ta' qabel, f'diversi postijiet gewwa Malta jew barra minn Malta, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksur l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar;

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi appartjenew ghal ghaqda imsemmija fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 83A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi f'Malta assocjaw irwiehhom ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa.

B. Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Frar 2006 u fil-granet ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Mexxew biljetti ta' flus iffalisifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kienu jafu li huma ffalsifikati;
2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorità legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzati) xtraw jew ircevew minghand xi persuna, kif ukoll kellhom fil-pussess taghhom, biljetti ta' flus Maltin iffalsifikati, meta kienu jafu li l-istess huma ffalsifikati;
3. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn elf Lira Maltin (Lm1,000) ghad-dannu ta' l-Oracle Casino tal-Qawra, Westin Dragonara Casino ta' San Giljan, tal-Casino di Venezia tal-Birgu u tas-sidien ta' l-imsemmija casinos u persuni ohra;
4. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex imexxuhom jew ibieghhuhom;

Rat l-imputazzjoni mibjuba fil-konfront ta' **Francis Frendo wahdu** (Sezzjoni C) talli f'dawn il-Gzejjer bejn l-14 u l-15 ta' Frar 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Irrifjuta li jaghti lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joghqod u l-partikularitajiet ohra;

B'hekk **Francis Frendo** ghandu jigi trattat ta' recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att Kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif kontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti fl-atti tal-proceduri u sabiex jekk, filwaqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, jekk u skond ma jista' jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif kontemplat fl-Artikolu 49A(3) tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2006[1];

Rat li fis-16 ta' Frar 2006 meta tressqu b'arrest biex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom, l-imputati entrambe ddikjaraw li ma humiex hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom;

Rat li b'Digriet datat 16 ta' Frar 2006[2] inhareg Ordni ta' Iffrizar a tenur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' kull wiehed miz-zewg imputati u gie nominat l-Avukat Dr. Vincent Galea sabiex, ai termini ta' l-Artikolu 5(1)(a)(b) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta, jaghmel lista ezawrienti ta' l-assi kollha ta' kull wiehed miz-zewg imputati;

Rat li l-Ordni ta' Iffrizar fil-konfront ta' l-imputati gie ppubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta' l-24 ta' Frar 2006[3];

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Ian Joseph Abdilla moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2006[4] u d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "IA" sa' Dok. "IA27" a fol. 36 sa' 67 tal-process u fit-tieni Volum tal-process, rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Edward Babato[5] u tax-xhieda ta' Jason Holder[6] moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2006 u rat id-dokument esebit minn Jason Holder markat Dok. "JH" a fol. 76 u 77 tal-process, rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Amante Farrugia moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2006[7] u rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' l-Avukat Dr.Vincent Galea moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar 2007[8], rat ir-Relazzjonijiet ta' l-Avukat Dr. Vincent Galea markati Dok. "VG1" u Dok. "VG2" a fol. 112 sa' 368 tal-process, rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' WPC 103 Marcelle Mifsud moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar 2007[9] u t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' PS 1116 Timothy Zammit moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2008[10];

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju ta' l-Avukat Generali datata 22 ta' Dicembru 2010[11] li permezz taghha baghat:

Lill-imputat **Francis Frendo wahdu** biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

---

[1] Fol. 7 sa' 11 tal-process.
[2] Fol. 15 tal-process.
[3] Fol. 22 sa' 25 tal-process.
[4] A fol.30 sa' 35 tal-process
[5] A fol.68 sa'70 tal-process
[6] A fol. 71 sa' 73 tal-process
[7] A fol.78 tal-process.
[8] A fol.108 u 109 tal-process
[9] A fol.110 sa 111 tal-process
[10] A fol.241 tal-process
[11] Fol. 754 u 755 tal-process.

a. L-Artikoli 45 u 46 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 18 u 48A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. L-Artikoli 308, 309, 310(1)(b) u 18, 48A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. L-Artikoli 308, 309, 310(1)(c) u 18, 48A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. L-Artikoli 334, 18 u 48A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. L-Artikoli 338(g) u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. L-Artikoli 83A(1)(5) u 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
g. L-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. L-Artikoli 17, 18, 23, 31, 48A, 49, 50 u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
i. L-Artikolu 49A(3) tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lill-imputat **George Frendo wahda** biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:
a. L-Artikoli 45 u 46 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 18 u 48A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. L-Artikoli 308, 309, 310(1)(b) u 18, 48A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. L-Artikoli 308, 309, 310(1)(c) u 18, 48A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. L-Artikoli 334, 18 u 48A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. L-Artikoli 83A(1)(5) u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. L-Artikoli 17, 18, 23, 31, 48A u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. L-Artikolu 49A(3) tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta;

U dana fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parte taz-zewg imputati li l-kaz fil-konfront taghhom jigi trattat bi procedura sommarja izda qabel ma tistaqsi lill-imputati jekk ghandhomx tali oggezzjoni o meno, ghandha:

- Tisma' lil PS130 Ivan Cilia, PC273 Frankie Deguara u lil PS494 Gordon Borg;
- Issir il-prova ta' l-identità ta' l-imputat fir-rigward tas-sentenza datata 26 ta' April 1999;
- Ai fini tad-dicitura ta' l-Artikolu 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, jigu ikkonfermati l-ammonti rispettivi tal-flejjes allegatamenti defrawdati mill-vittmi rispettivi u dan ai termini ta' l-akkuzi kif maghmula kontra l-akkuzati;
- Tiehu konjizzjoni ta' kull prova ohra li joghgobha tressaq il-Pulizija f'dan il-kaz;

Rat li b'Digriet datat 11 ta' Marzu 2015[12] il-kawża ġiet differita *sine die;*

Rat li b'Digriet datat 2 ta' April 2018 il-kawża ġiet ri-appuntata għas-smigħ ghas-17 ta' Mejju 2018[13];

Rat illi waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2018[14]:

- L-Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla ddikjara li l-Prosekuzzjoni tirrinunzja ghall-provi kollha indikati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju ta' l-Avukat Generali datata 22 ta' Dicembru 2010 a fol. 349 u 350 tal-process [recte: fol. 754 u 755 tal-process];

[12] Fol. 772 tal-proċess.
[13] Fol. 773 tal-proċess.
[14] Fol. 774 u 775 tal-process.

- Entrambe l-imputati ddikjaraw li ma ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja;
- L-Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla ddikjara li l-Prosekuzzjoni tirtira l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet taht is-Sezzjoni A dedotti fil-konfront ta' l-imputati u li r-raba' imputazzjoni taht is-Sezzjoni B hija alternattiv ghat-tielet imputazzjoni fl-istess Sezzjoni u li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet fis-Sezzjoni B huma assorbiti **u** li tirtira wkoll it-talba għall-iffriżar ta' l-assi taz-zewg imputati peress li s-sitwazzjoni finanzjarja u socjali taghom hija prekarja hafna u ma hemmx lok ghal tali ffrizar;

Wara li nqraw l-Artikoli ndikati fin-Nota ta' Rinviju tal-Gudizzju ta' l-Avukat Generali u in segwitu ghad-dikjarazzjonijiet ta' l-Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla, l-imputati rregistraw ammissjoni ghar-rimanenti imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghom, liema ammissjoni giet ikkonfermata miz-zewg imputati wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Rat li d-Difiza ta' kull wiehed miz-zewg imputati talbet li jithejja *pre-sentencing report* fil-konfront ta' kull wiehed minnhom u l-Qorti laqghet it-talba ta' kull wiehed miz-zewg imputati u ordnat li jsir *pre-sentencing report* fil-konfront ta' kull wiehed minnhom ghall-fini li tigi determinata l-piena idoneja fil-konfront ta' taghhom individwalment fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz[15];

Semghet ix-xhieda ta' l-Ufficjal tal-Probation Mary Rose Farrugia moghtija waqt is-seduti tad-19 ta' Novembru 2018[16] u tat-18 ta' Settembru 2020[17] u rat il-*pre-sentencing report* imhejji minnha fir-rigward ta' l-imputat George Debono esebit bhala Dok. "RM" a fol. 785 sa' 794 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-Ufficjal tal-Probation Odelsie Vella Bayliss moghtija waqt is-seduti tat-28 ta' Marzu 2019[18], tat-23 ta' Jannar 2020[19] u tat-18 ta' Settembru 2020[20] u rat il-*pre-sentencing report* imhejji minnha fir-rigward ta' l-imputat Francis Frendo esebit bhala Dok. "OVB" a fol. 797 sa' 813 tal-process;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena, partikolarment da parte tal-Prosekuzzjoni, fejn din iddikjarat li fil-kaz in ezami fid-dawl tal-progress li l-imputati ghamlu matul is-snin ma jkunx opportun u xieraq li dan il-progress taghhom jigi mfixkel u b'hekk ikun idoneju li jitqieghdu taht Ordni ta' Probation[21];

Rat l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

[15] Verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Gunju 2018, fol. 777 u 778 tal-process.
[16] Fol. 783 u 784 tal-process.
[17] Fol. 840 u 841 tal-process.
[18] Fol. 796A u 796B tal-process.
[19] Fol. 828 sa' 830 tal-process.
[20] Fol. 842 u 843 tal-process.
[21] Vide verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru 2020, fol.847 tal-process.

L-imputati Francis Frendo u George Debono flimkien gew akkuzati: **A.** Talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Frar 2006 u fil-granet ta' qabel, f'diversi postijiet gewwa Malta jew barra minn Malta, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksur l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda: (1) ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar; (2) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi appartjenew ghal ghaqda imsemmija fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 83A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (3) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi f'Malta assocjaw irwiehhom ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa. **B.** Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Frar 2006 u fil-granet ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda: (1) mexxew biljetti ta' flus iffalisifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kienu jafu li huma ffalsifikati; (2) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorità legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzati) xtraw jew ircevew minghand xi persuna, kif ukoll kellhom fil-pussess taghhom, biljetti ta' flus Maltin iffalsifikati, meta kienu jafu li l-istess huma ffalsifikati; (3) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn elf Lira Maltin (Lm1,000)[22] ghad-dannu ta' l-Oracle Casino tal-Qawra, Westin Dragonara Casino ta' San Giljan, tal-Casino di Venezia tal-Birgu u tas-sidien ta' l-imsemmija casinos u persuni ohra; (4) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex imexxuhom jew ibieghhuhom.

L-imputat Francis Frendo wahdu gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer bejn l-14 u l-15 ta' Frar 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda rrifjuta li jaghti lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joghqod u il-partikularitajiet ohra.

L-imputat Francis Frendo ghandu jigi trattat ta' recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

B'Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju datata 22 ta' Dicembru 2010[23] l-Avukat Generali baghat: (1) lill-imputat **Francis Frendo wahdu** biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht: (a) l-Artikoli 45 u 46 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 18 u 48A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (b) l-Artikoli 308, 309, 310(1)(b) u 18, 48A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (c) l-Artikoli 308, 309, 310(1)(c) u 18, 48A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (d) l-Artikoli 334, 18 u 48A tal-Kap.9

[22] Illum ekwivalenti ghal €2,329.37.
[23] Fol. 754 u 755 tal-process.

tal-Ligijiet ta' Malta; (e) l-Artikoli 338(g) u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (f) l-Artikoli 83A(1)(5) u 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (g) l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (h) l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 48A, 49, 50 u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (i) l-Artikolu 49A(3) tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta; u lill-imputat **George Frendo wahda** biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahdub taht: (a) l-Artikoli 45 u 46 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 18 u 48A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (b) l-Artikoli 308, 309, 310(1)(b) u 18, 48A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (c) l-Artikoli 308, 309, 310(1)(c) u 18, 48A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (d) l-Artikoli 334, 18 u 48A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (e) L-Artikoli 83A(1)(5) u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (f) l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 48A u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (g) l-Artikolu 49A(3) tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2018[24], wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li tirrinunzja ghax-xhieda indikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju datata 22 ta' Dicembru 2010 u wara li l-imputati ddikjaraw li ma ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja, il-Prosekuzzjoni: (a) irtirat l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati taht sezzjoni A; (b) iddikjarat li r-raba imputazzjoni fis-Sezzjoni B hija alternattiva ghat-tielet imputazzjoni u l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet huma assorbiti; u (c) irtirat it-talba ghall-iffrizar ta' l-assi ta' l-imputati stante li s-sitwazzjoni taghhom kemm finanzjarja kif ukoll socjali hija prekarja hafna u m'hemmx lok ghal tali iffrizar.

In segwitu ghad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni l-imputati rregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet rimanenti dedotti fil-konfront taghhom.

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni fejn irtirat l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni fis-Sezzjoni A dedotti fil-konfront ta' l-imputati flimkien, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati flimkien taht is-Sezzjoni A u tal-konsegwenti reat/i kontemplati fl-Artikolu 83A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta (Para. (f) fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju in kwantu rigwarda l-imputat Francis Frendo u Para. (e) fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju in kwantu rigwarda l-imputat George Debono) u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati flimkien taht is-Sezzjoni A u tal-konsegwenti reat kontemplat fl-Artikolu 48A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta kull fejn imsemmi w indikat fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju ta' l-Avukat Generali.

Ghaldaqstant u fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputati l-Qorti ssib:

- Lill-imputat **Francis Frendo** hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tieghu taht is-Sezzjoni B kif ukoll hati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu taht is-Sezzjoni C. In oltre tqis u tittratta ma' l-imputat Francis Frendo bhala recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[24] Fol. 774 u 775 tal-process.

• Lill-imputat **George Debono** hati ta' l-ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tieghu taht is-Sezzjoni B.

In segwitu ghall-ammissjoni da parte ta' l-entrambe l-imputati u fuq talba ta' l-istess, il-Qorti ordnat li jsir *pre-sentencing report* fil-konfront ta' kull wiehed minnhom.

Mill-*pre-sentencing report* fil-konfront ta' George Debono[25] - imhejji mill-Ufficjal tal-Probation Mary Rose Farrugia u minnha kkonfermat bil-gurament[26] - jirrizulta s-segwenti: ***Konkluzjonijiet - Fatturi identifikati -*** *George Debono hu akkuzat talli flimkien ma' persuna ohra huwa mexxa billjetti tal-flus Maltin iffalsifikati meta huwa kien jaf li huma foloz, kif ukoll li ghamel qligh ta' aktar minn Lm1,000 ghad-dannu ta' diversi casinos. Skond ma jispjega l-Assistent Kummissarju Ian J. Abdilla li dak iz-zmien kien l-Ispettur ta' dan il-kaz, ir-reat twettaq fl-14 ta' Frar 2006. F'dak il-perijodu kien bniedem li jabbuza mid-drogi u problematiku hafna. Illum jidher li hajtu biddilha ferm, la ghadu jabbuza mid-drogi u ghandu familja. Ghaldaqstant fil-prezent jidher li sentenza sospiza tkun wahda idonea.* ***Dwar droga*** *George Debono beda jabbuza mid-droga kannabis qabel ma ghalaq it-18-il sena u drogi ohra bhal kokaina u eroina wara li ghalaq it-18-il sena. F'dan il-perijodu huwa beda jattendi s-S.M.O.P.U. sabiex jiehu l-kura peremzz tal-methadone. George beda programm ta' filghaxija kontra l-abbuz mid-droga fis-sena 2011 wara li kien ilu jabbuza mis-sena 2010. George Debono baqa' jzomm kuntatt mal-Caritas sas-sena 2012. Kampjuni ta' l-urina li ttiehdu gewwa d-Dipartiment tal-Probation u il-Parole f'Awwissu 2007, Frar 2008, f'Mejju 2013 u fit-3 ta' Settembru 2018 kollha rrizultaw fin-negattiv ghas-sustanzi lleciti. Jidher li George Debono ilu ma jabbuza mid-droga ghal dawn l-ahhar 8 snin.* ***Bhala familja*** *jidher li George Debono gej minn familja kwieta u mhux ta' sfond kriminogeniku. Fil-prezent u qieghed f'relazzjoni stabbli fejn ilu ghal madwar 8 snin. Minn din ir-relazzjoni ghandu tifla ta' 4 snin. George, is-siehba tieghu u binthom jghixu flimkien bhala familja. Jidher li minn meta George Debono gie f'kuntatt mad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole huwa ghamel hafna progress billi indirizza l-problema ta' l-abbuz bis-serjetà u qed jghix hajja stabbli u ghandu familja.* ***Pjan ta' kura -*** *Minn dan ir-rapport johrog evidenti li dan ir-reat twettaq 12-il sena ilu meta ċ-ċirkostanzi ta' George Debono kienu ta' persuna li jabbuza mid-droga u b'hajja ferm problematika. Illum il-gurnata huwa biddel hajtu u jidher li ilu ma jabbuza mid-droga ghal dawn l-ahhar tmien snin fejn bena familja u jghix hajja stabbli.* ***Rakkomandazzjoni*** *- Ghaldaqstant fl-isfond tal-punti msemmija hawn fuq, huwa umilment issuggerit lil din l-Onorabbli Qorti li sabiex l-andament pożittiv li ntlahaq ma jkunx distrub u jkompli jkun sostnut il-progress li sar, jidher li Sentenza Sospiza tkun wahda addattata.*

Mill-*pre-sentencing report* fil-konfront ta' l-imputat Francis Frendo[27] - imhejja mill-Ufficjal tal-Probation Odelsie Vella Bayliss u minnha kkonfermat bil-gurament[28] - jirrizulta s-segwenti: ***Konkluzjonijiet - Fatturi identifikati -*** *Francis Frendo qed jigi akkuzat talli fi Frar 2006 wettaq offizi relatati ma' frodi u li huwa ricediv. Harsa lejn il-Fedina Penali ta' l-imputat tindika li huwa xellef difru mas-sistema tal-gustizzja*

[25] Dok. "RM" a fol. 785 sa' 774 tal-process.
[26] Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2018, fol. 783 u 784 tal-process.
[27] Dok. "OVB" a fol. 797 sa' 813 tal-process.
[28] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2019, fol. 796A u 796B tal-process.

*kriminali diversi drabi u li minkejja li nghata diversi opportunitajiet mill-Qorti sabiex jirriforma ruhu, anke permezz ta' sentenzi fil-komunità, huwa ma biddilx l-istil ta' hajja tieghu. Huwa kiser ukoll il-kundizzjonijiet marbuta mal-Licenza tal-Parole, bil-konsegwenza li l-Bord tal-Parole rrevokalu din il-Licenza. Minn informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport jidher li l-abbuz tad-droga jifforma parti mill-kalendarju ta' hajjet l-imputat, hekk kif gie indikat li ghal bosta snin huwa abbuza mill-kokaina, l-eroina u l-kannabis. Jidher li l-imputat ha ghajnuna ghall-problema tad-droga minghand entitajiet lokali li jahdmu ma' nies bi problema tad-droga, minkejja li qatt ma segwa programm residenzjali ta' riabilitazzjoni. Minkejja li ma jirrizultax li l-ikkoncernat ghadu jabbuza mill-kokaina u l-eroina, huwa ghadu jabbuza mill-kannabis. Test ta' l-urina li ssottometta ruhu għalih minghajr pre-avviz gewwa d-DPP nhar l-24 ta' Lulju 2018 irrizulta fil-pozittiv ghall-kannabis. Meta kkonfrontat b'dan ir-rizultat, l-ikkoncernat wera attitudni negattiva u sostna li huwa jaghmel uzu mill-kannabis medika. Meta mistoqsi sabiex jipprovi ricetta valida ghal dan, irrisponda li din irid igibha mill-Iskozja. L-uzu tal-kannabis huwa wiehed mir-ragunijiet ewlenija ghala giet revokata l-Licenza tal-Parole ta' l-imsemmi. Dan mhux biss jindika li Francis Frendo mhux jifhem li hemm problema, izda juri wkoll il-htiega li jahdem fuq din id-diffikultà serja. Fir-rigward ta' xoghol jirrizulta li l-imsemmi jinsab jizokkupat. Hu jilmenta li ma jistax jahdem minhabba sahhtu. Rekords mahruga mill-JobsPlus jindikaw li fil-passat Francis Frendo kellu diversi impjiegi madanakollu huwa qatt ma dam f'xoghol partikolari ghal sena shiha. Huwa jghid li kien jahdem fuq bazi self-employed fir-restawr ta' djar antiki, madanakollu dan ma setax jigi kkonfermat ghaliex mhuwiex registrat mal-JobsPlus. Jidher li fir-rigward ta' familja, l-ikkoncernat kellu trobbija mhux daqstant felici, fejn kien xhud, kif ukoll vittma ta' abbuz domestiku min-naha ta' missieru. Dan l-abbuz domestiku fid-dar eventwalment wassal sabiex omm l-imputat tahrab lejn l-Iskozja b'uliedha z-zghar, filwaqt li Francis Frendo u huh il-kbir halliethom Malta ma' missierhom. Iz-zmien li l-imsemmi ghamel jghix ma' missieru ma kienx wiehed felici, fejn huwa baqa' jsofri vjolenza domestika. Illum il-gurnata l-ikkoncernat jidher li ghandu relazzjoni tajba m'ommu, izda mhux ma' missieru. Fejn tidhol ir-relazzjoni tal-familja konjugali, jirrizulta li l-abbuz tad-drogga u l-hajja devjanti li kien jghix l-imputat wasslet ghall-kollass tal-hajja mizzewga tieghu. Francis Frendo jidher li jgawdi kuntatt tajjeb maz-zewg uliedu li llum il-gurnata huma adulti. L-informazzjoni miksuba ma tindikax li l-ikkoncernat fil-prezent qieghed f'xi relazzjoni intima ma' xi hadd. Fir-rigward ta' sapport socjali jirrizulta li l-imputat ma ghandux hbieb pozittivi u ghaldaqstant huwa jaghzel li jghix stil ta' hajja fejn ma jfittixx il-hbieb. Dan jindika li l-ikkoncernat huwa anke nieqes mis-sapport socjali. L-informazzjoni migubra ghall-fini ta' dan ir-rapport telenka ukoll li l-imputat ghandu problemi f'genbu u jehtieg li issirlu operazzjoni medika. Minhabba li l-lista ta' stennija hawn Malta, skontu hija twila wisq, huwa ddecieda li jmur jaghmel din l-operazzjoni gewwa l-Iskozja, liema operazzjoni hija ffinanzjata minn ommu. Francis Frendo siefer gewwa l-Iskozja nhar il-25 ta' Lulju 2018 sabiex jaghmel din l-operazzjoni. Huwa jindika li wara l-operazzjoni se jkollu perijodu ta' rikoveru ta' bejn ghaxar u tnax-il gingha, liema perijodu jrid jaghmlu gewwa l-Iskozja wkoll. Minhabba f'dan ma kienx possibbli ghall-Ufficjal tal-Probation li jkollha kuntatt ma' l-imsemmi.* ***Pjan ta' Kura*** *- L-Ufficjal tal-Probation hi ta' l-opinjoni li l-imputat ghandu jinghata ghajnuna professjonali sabiex mhux biss ikollu l-opportunità li jitkellem dwar il-hsibijiet li jkollu minn zmien ghal zmien, izda wkoll jahdem fuq il-problema ta' l-uzu tal-kannabis.* ***Rakkomandazzjoni***

*- Fid-dawl ta' l-informazzjoni migbura gew esplorati diversi sentenzi komunitarji. Primarjament giet esplorata l-possibilità ta' sentenza sospiza, madanakollu din is-sentenza ma setghetx tkompli tigi esplorata minhabba li Francis Frendo qed jigi akkuzat li hu ricediv. Giet anke esplorata l-possiblità ta' xoghol fil-komunità, madanakollu sentenza bhal din ma tkunx idonea fid-dawl li l-kampjun ta' l-urina ta' l-imputat irrizulta fil-pozittiv ghas-sustanza tal-kannabis. Sentenza ta' supervizjoni fil-komunikà lanqas ma tinħass li hija idonea minhabba li fil-passat ricenti, l-applikant ibbenefika mill-Licenza tal-Parole madanakollu huwa kiser il-kundizzjonijiet taghha tant li din il-Licenza giet revokata. Dan potenzjalment jindika li huwa mhux biss naqas milli jikkopera ma' l-Ufficjal tal-Parole, izda wkoll li mhuwiex affidabbli. F'dawn ic-cirkostanzi qed tigi rrakomandata piena ta' prigunerija fil-minimu taghha, fejn l-imputat ikun jista' jibbenefika minn ghajnuna psikologika, kif ukoll jindirizza l-abbuz ta' sustanzi lleciti.*

Fid-19 ta' Gunju 2019 l-Ufficjal tal-Probation Oldesie Vella Bayliss pprezentat Nota fir-rigward ta' l-andament ta' l-imputat Francis Frendo[29] u regghet xehdet quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2020[30], liema Nota u konsegwenti xhieda ma kienux wisq ta' natura pozittiva peress li l-imputat Frendo baqa' jinstab pozittiv ghall-kannabis u b'hekk l-imsemmija Ufficjal tal-Probation baqghet tikkontendi li ma jkunx idoneju li huwa jinghata Ordni ta' Servizz fil-Komunità. Fix-xhieda li tat fit-18 ta' Settembru 2020[31] però, l-Ufficjal tal-Probation Odelsie Vella Bayliss xehdet illi ghalkemm l-imputat Francis Frendo kien inghata tlett appuntamenti imma attend ghal wiehed minnhom biss fil-15 ta' Settembru 2020, mit-test li sarlu dakinhar huwa rrizulta negattiv ghal sustanzi lleciti. Xehdet ukoll li fil-frattemp l-imputat sofra stroke u ghalhekk illum, partikolarment f'dawn iz-zminijiet minhabba l-imxxija tal-COVID19, l-idonejtà tieghu ma ghadhiex il-kwistjoni jew ahjar l-ostakolu principali ghal xoghol jew servizz fil-komunita izda huma appuntu l-problemi ta' sahha tieghu li ma jippermettux li l-imputat jinghata tali opportunità ta' xoghol jew servizz fil-komunità.

Dak ikkunsidrat u kkonstatat u konsegwentement konkluż mill-Ufficjali tal-Probation fir-rigward ta' l-imputati kemm fil-*pre-sentencing reports* taghhom kif ukoll fix-xhieda moghtija minnhom certament ghandu effett fuq il-piena li din il-Qorti ser timponi fuqhom. Apparte minn hekk u dejjem ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jigu akkuzati l-imputati u li gew minnhom ammessi izda hadet in konsiderazzjoni wkoll it-trapass ta' zmien mit-twettiq ta' dawn l-istess reati. Hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni fejn iddikjarat li fid-dawl tal-progress li l-imputati ghamlu matul is-snin ma jkunx opportun u xieraq li dan il-progress jigi mfixkel u ghalhekk ikun idoneju li huma jitqieghdu taht Ordni ta' Probation.

Il-Qorti tosserva wkoll li r-reat kontemplat taht l-Artikolu 45 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta - il-provvediment tal-Ligi taht liema taqa' l-ewwel imputazzjoni taht is-Sezzjoni B dedotta fil-konfront ta' l-imputati huwa s-subartikolu (1) - u r-reat kontemplat taht l-Artikolu 46 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta, entrambe indikati kemm fl-

---

[29] Fol. 815 tal-process.
[30] Fol. 828 sa' 830 tal-process.
[31] Fol. 842 u 843 tal-process.

imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati kif ukoll fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju ta' l-Avukat Generali, illum gew tramandati fil-Kodici Kriminali in forza ta' l-emendi li dahlu fis-sehh f'Novembru ta' l-2016 - Att XLIX 2016 - senjatament fl-Artikoli 188B(1) u 188C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. Nonostante l-fatt li l-imsemmija Artikoli 45(1) u 46 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta gew tramandati fl-Artikoli 188B(1) u 188C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena kontemplata u applikata ghar-reati in kwistjoni ma gietx mibdula kemm jekk tingieb il-prova mill-imputat li ma kienx jaf li l-flus li tqieghdu in cirkolazzjoni kienu falsifikati meta dawn gew f'idejh kif ukoll jekk le. Ghalkemm l-Artikolu 188B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta dahhal l-element ta' qerq fl-att formali tar-reat, in verità dan ftit li xejn jimpingi fuq il-kaz in ezami fid-dawl tal-fatt li l-imputati ammettew għall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront taghom fejn jirrigwarda dawn ir-reati.

Fir-rigward ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis u tiehu in konsiderazzjoni l-provvedimenti tal-Ligi kif applikabbli fiz-zmien tat-twettiq tar-reat, ossia fl-2006, stante li l-pieni applikabbli u imponibbli fir-rigward tal-fatti ta' dan il-kaz illum huma oghla u iktar oneruzi fir-rigward ta' l-imputati.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk u wara li rat u kkunsidrat:

**Fir-rigward ta' l-imputat George Debono:**

L-Artikoli 45(1) u 46 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17, 18, 31, 188B(1), 188C, 308, 309, 310(1)(a)(b) [kif in vigore fl-2006] u 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ittenni li fuq ammissjoni tieghu stess qed issib lill-imputat George Debono hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu ossia l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni taht is-Sezzjoni B.

Minkejja li r-reat kontemplat fl-Artikolu 45(1) tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta huwa punibbli b'perijodu ta' prigunerija li jeccedi s-seba' snin izda mhux l-ghaxar snin, fil-fehma tal-Qorti c-cirkostanzi ta' dan il-kaz in kwantu rigwarda l-imputat George Debono, senjatament it-trapass taz-zmien mit-twettiq tar-reat u l-fatt li l-imputat ghamel progress f'hajtu matul is-snin, hekk kif jirrizulta anke mill-*pre-sentencing report* imhejji fil-konfront tieghu mill-Ufficjal tal-Probation Mary Rose Farrugia, u ma huwiex opportun u xieraq li dan il-progress jigi mfixkel, jimmeritaw li l-imputat George Debono jitqieghed taht Ordni ta' Probation, u ghalhekk a tenur ta' l-ewwel proviso ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-imputat George Debono taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' sena (1) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza taht it-termini u il-kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ghall-hrug ta' Ordni ta' Probation moghti illum stess, u liema Digriet qed jigi anness ma' din is-sentenza u b'hekk jifforma parti integrali minnha.

**Fir-rigward ta' l-imputat Francis Frendo:**

L-Artikoli 45(1) u 46 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 188B(1), 188C, 308, 309, 310(1)(a)(b) [kif in vigore fl-2006], 334 u 338(g) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ittenni li fuq ammissjoni tieghu stess qed issib lill-imputat Francis

Frendo hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu ossia l-ewwel, it-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjoni taht is-Sezzjoni B, l-imputazzjoni taht is-Sezzjoni C kif ukoll tal-fatt li huwa recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minkejja li r-reat kontemplat fl-Artikolu 45(1) tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta huwa punibbli b'perijodu ta' prigunerija li jeccedi s-seba' snin izda mhux l-ghaxar snin, fil-fehma tal-Qorti c-cirkostanzi ta' dan il-kaz in kwantu rigwarda l-imputat Francis Frendo, senjatament it-trapass taz-zmien mit-twettiq tar-reat u l-fatt li l-imputat ghad li ma ghandux fedina penali netta ilu ghal dawn l-ahhar snin ma jxellifx dufrejh mal-gustizzja, b'mod partikolari dwar reati simili ghal dawk mertu ta' dawn il-proceduri, u anke l-fatt li l-imputat Frendo ghandu problemi ta' sahha, tant illi f'dawn l-ahhar zminijiet sofra stroke, jimmeritaw li l-imputat Francis Frendo jitqieghed taht Ordni ta' Probation, u ghalhekk a tenur ta' l-ewwel proviso ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-imputat Francis Frendo taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' sentejn (2) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza taht it-termini u l-kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ghall-hrug ta' Ordni ta' Probation moghti llum stess, u liema Digriet qed jigi anness ma' din is-sentenza u b'hekk jifforma parti integrali minnha. Matul dan il-perijodu li qieghed taht Ordni ta' Probation, il-imputat Francis Frendo ghandu jaghmel dak kollu mehtieg u minnu mitlub, inkluz li jiehu ghajnuna psikologika, sabiex jindirizza l-abbuz ta' sustanzi lleciti.

A termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tfiehem lil kull wiehed mill-imputati bi kliem li kull wiehed minnhom jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation impost fuq kull wiehed minnhom u li jekk huma jonqsu milli jikkonformaw ruhhom ma' tali Ordni hekk impost fuqhom, jew jaghmlu reat iehor tul iz-zmien li tali Ordni jkun in vigore, huma jistghu jinghataw sentenza ghar-reati li taghhom qed jinstabu hatja f'dawn il-proceduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u d-Digriet ghall-hrug ta' Ordni ta' Probation jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u li kopja ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuq kull wiehed mill-imputati tinghata lill-istess imputati.

Fid-dawl tal-fatt li l-Prosekuzzjoni rtirat it-talba taghha ghall-hrug ta' Ordni ta' Iffrizar fil-konfront ta' l-imputati ai termini ta' l-Artikolu 23A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta stante li s-sitwazzjoni finanzjajra u socjali ta' l-imputati hija prekarja hafna u ma hemmx lok ghal tali ffrizar, il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* l-Ordni ta' Iffrizar li hareg fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati fis-16 ta' Frar 2006.

Fid-dawl tal-fatt ukoll li l-Prosekuzzjoni rtirat it-talba taghha ghall-hrug ta' Ordni ta' Iffrizar fil-konfront ta' l-imputati, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-istess imputati jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri odjerni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 23 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tad-dokumenti, ossia noti ta' flus, esebiti mill-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Ian J.

Abdilla waqt is-seduta ta' tat-28 ta' Frar 2006[32] markati Dok. IA01, Dok. IA05, Dok. IA07, Dok. IA08, Dok. IA09, Dok. IA10, Dok. IA11, Dok, IA12, Dok. IA17, Dok. IA18 u Dok. IA19.

Fir-rigward tal-qirda tan-noti ta' flus esebiti mill-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Ian J. Abdilla waqt is-seduta ta' tat-28 ta' Frar 2006[33] markati Dok. IA01, Dok. IA05, Dok. IA07, Dok. IA08, Dok. IA09, Dok. IA10, Dok. IA11, Dok, IA12, Dok. IA17, Dok. IA18 u Dok. IA19, wara li kkonsultat mal-Bank Centrali ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 49A(3) tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta, illum traspost fl-Artikolu 188F tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana permezz ta' Digriet datat 21 ta' Diċembru 2020 u Nota tal-Bank Ċentrali ta' Malta ppreżentata fil-31 ta' Diċembru 2020[34], il-Qorti tordna l-qirda tan-noti ta' flus falsifikati hekk esebiti mill-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Ian J. Abdilla waqt is-seduta ta' tat-28 ta' Frar 2006[35] markati Dok. IA01, Dok. IA05, Dok. IA07, Dok. IA08, Dok. IA09, Dok. IA10, Dok. IA11, Dok, IA12, Dok. IA17, Dok. IA18 u Dok. IA19.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

[32] Fol. 30 sa' 35 tal-process.
[33] Fol. 30 sa' 35 tal-process.
[34] Fol. 848 sa' 850 tal-proċess.
[35] Fol. 30 sa' 35 tal-process.